MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 931/2010

**Media & Graphic Services Limited**

**Vs**

**Joseph Bonnici**

Permezz ta’ din il-kawza l-attrici qeghda tippretendi l-hlas ta’ tnax-il elf disgha mija u tlieta u disghajn ewro u dsatax-il centezmu (€12,993.19), bilanc mis-somma ta’ sebgha u ghoxrin elf u sebgha u sittin ewro (€27,067) spejjez ta’ reklamar fuq Timesofmalta.com, gazzetti lokali, radju (Bay Radio, Super 1, Radio 101 u Magic), u reklamar fuq it-televixin. Reklamar li kien qieghed isir fil-perjodu bejn is-7 ta’ Gunju 2010 u l-4 ta’ Lulju 2010, cjoe’ fiz-zmien tat-Tazza tad-Dinja li saret fl-2010.
Permezz ta’ twegiba guramentata prezentata fit-23 ta’ Dicembru 2012 il-konvenut wiegeb:-

1. M’huwiex il-legittimu kontradittur peress li qatt ma nkariga lis-socjeta attrici biex taghti s-servizzi li taghhom qeghda titlob il-hlas.
2. Il-World Cup Village Consortium ma kienx consortium ghaliex ma kien hemm xejn bil-miktub, u l-ftehim kien li kull membru *‘….iqabbad nies biex jaghmlu xoghol jew joffru servizz ghall-World Cup Village f’isimhom personali u mhux ghan-nom ta’ xi kumpannija jew consortium, illi lanqas tezisti legalment.’*. Ghalhekk il-hlas ghandu jsir esklussivament minn min qabbad lil-attrici.
3. Illi l-konvenut diga’ hallas lin-nies li kien qabbad hu. Hekk per ezempju hu qabbad lil Smash Radio u hallashom ghar-reklamar.
4. In-natura tas-servizzi li nghataw mill-attrici lanqas m’huma maghrufa lilu ghaliex qatt ma ra purchase order u lanqas invoice ghall-hlas qabel ircieva l-kawza.
5. Fil-World Cup Village Consortium kien hemm ukoll Tonio Casapinta, Damian Casapinta, Karl Borg u Nicholas Calleja kif jirrizulta minn estratti tal-gazzetta The Malta Independent Online. Ghalhekk dawn ghandhom ikunu responsabbi daqs il-konvenut ghall-hlas.
6. L-attrici ghad trid taghti prova tat-talba ghas-servizzi li tat.

Il-qorti rat l-atti nkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet li gew prezentati.

Il-konvenut, flimkien ma’ ohrajn, kien organizza *World Cup Village* f’Manoel Island matul it-Tazza tad-Dinja li saret fl-2010. Il-partiti tat-Tazza tad-Dinja kienu qeghdin jixxandru minn dan il-post. Wara li l-qorti rat l-atti u semghet ukoll lill-partijiet jixhdu u xhieda ohra, taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-

i. Il-ftehim bejn Casapinta u Bonnici kien wiehed kummercajli biex jorganizzaw din l-attivita. Il-partijiet ma ffirmawx ftehim, izda kif jirrizulta minn xhieda u emails kien hemm ftehim. Inizjalment kienu iktar nies, pero in-negozju kompla bejn dawn iz-zewg persuni. Il-qliegh kellu jinqasam ugwalment bejniethom.

ii. Sfortuntament l-attivita ma hallitx qliegh. Il-konvenut xehed li rregistraw telf ta’ €120,000 (ara affidavit fol. 171). Xehed ukoll : *‘Qatt ma tkellimna fuq il-fatt li jekk ma*

*jkollniex biex inhallsu id-dejn, x'naghmlu ghax qatt ma hsiebna li ser jigri hekk.'* (seduta tat-22 ta' Marzu 2012). Madankollu, m'hemmx dubju li gialadarba kienu shab f'dan in-negozju, id-dejn iridu jaghmlu tajjeb ghalih f'sehem ugwali bejniethom.

iii. Fis-6 ta' Lulju 2010 l-attrici baghatet kont, fl-ufficcju ta' Casapinta, ghal €25,887 spejjez ta' reklamar. Jirrizulta li kien hemm qbil bejn min kien involut f'din l-attivita, li l-korrispondenza kollha kellha tintbaghat fl-ufficcju ta' Casapinta. Jirrizulta wkoll li Damian Casapinta hallas iktar min-nofs il-kont.

iv. Id-difiza ta' Bonnici hi mibnija fuq li l-ftehim bejn dawk involuti f'dan in-negozju kien li *'…. Kull membru kellu jhallas lin-nies imqabbda minnu, u l-intimat diga hallas lil diversi kredituri li kienu mqabbda minnu…..'*. L-attrici ma kenitx parti ghal ftehim li sar bejn Casapinta u Bonnici, izda sempliciment kienet qeghda toffri servizz. F'kull kaz il-qorti ma temminx it-tezi tal-konvenut. Minn kliemu stess hu evidenti li kienu ser jaqsmu l-qliegh 50-50. M'hemmx dubju li l-qliegh kellu jinqasam wara li taqta' l-ispejjez. Hadd ma kien qieghed jistenna li kien ser ikun hemm telf. L-intenzjoni kienet li l-ispejjez ser jithallsu mill-qliegh tal-attivita. Li jibqa' jinqasam. Ma jaghmilx sens li kull wiehed kellu jaghmel tajjeb ghan-nies li jqabbad hu. Dan m'huwiex il-mod kif isir in-negozju. F'email li baghat il-konvenut lil Casapinta fil-5 ta' Lulju 2010, fost'affarijiet ohra qal : *'Just a suggestion, but I suggest that first the bar creditors are paid, then the small (less than 1000) creditors are paid and then the others.'* (fol. 153). Kliem li ma jirriflettix id-difiza li ressaq il-konvenut. L-istess jista' jinghad dwar email mibghuta minn Tonio Casapinta, missier Damian Casapinta, lill-konvenut fit-28 ta' Lulju 2010 fejn ippropona li lil dawk il-kredituri insistenti, kellu jsir hlas akkont ta' 15% tal-kont *'...from the cash we have in hand.'*. Fosthom jissemma l-attrici. It-twegiba ta' Bonnici kienet: '*1. I agree with you about the 15% pro rata payment.'* (email datata 28 ta' Lulju 2010 a fol. 151). Ir-raguni tghidlek li kieku kien jezisti l-ftehim li allega l-konvenut fit-tielet eccezzjoni, ma kienx ser jaqbel li jsir hlas akkont lill-kredituri ta' 15% tal-kont mill-flus kontanti.

v. Karl Borg u Nicholas Calleja ghalkemm jidher li fil-bidu kienu involuti, ma kienux shab f'dan in-negozju.

F'email li Casapinta baghat lil Bonnici fil-11 ta' Mejju 2010 qallu: *'ALL PROFITS AND LOSSES OF THE WCV ARE DIVIDED IN 2: CASAPINTA AND JOE BONNICI.'*. Bonnici wiegeb: *'That was always the arrangement.'*.

vi. Il-qorti ma tifhimx kif Bonnici qieghed ighid li ma kienx involut fir-reklamar. F'email mibghuta minn Adrian Runza (rapprezentant tal-attrici) fil-25 ta' Gunju 2010 lil Casapinta, baghatlu rendikont fir-rigward tar-reklamar. Min-naha ta' Casapinta baghat l-email lill-konvenut u talbu jivverifika d-dokument u jikkonfermalu jekk huwiex jaqbel biex ic-cifra tigi inkluza fl-accounts. Dakinhar stess il-konvenut wiegeb: *'Dear damian, These look ok.'* (fol. 133). Sahansitra hemm ukoll korrispondenza permezz ta' emails, bejn il-konvenut u Adriano Runza (ara dokumenti annessi mal-affidavit ta' Adriano Runza),li tkompli ggib fix-xejn it-tezi tal-konvenut.

vii. Lill-attrici nkarigawha Casapinta u l-konvenut. Peress li n-negozju hu att ta' kummerc, huma debituri *in solidum* (Artikolu 115 tal-Kodici tal-Kummerc – Kap. 13).

viii. Mill-provi jirrizulta sodisfacentement li l-attrici wettqet ix-xoghol li nghatat, fis-sens li hadet hsieb li jsir ir-reklamar. Xoghol li kif rajna gie kkonfermat mill-konvenut stess (fol. 133). Madankollu fir-rigward ta' reklamar li sar ma' Smash Radio fir-rigward ta' liema qieghed jintalab hlas ta' €1,180, jidher li dan kien thallas direttament mill-konvenut fil-mori ta' dawn il-proceduri (ara xhieda ta' Mario Mifsud – seduta tat-22 ta' Marzu 2012). Ghalkemm Bonnici jsostni li kien hu li ta l-inkarigu fir-rigward ta' reklamar fuq dan l-istazzjon tar-radju, fir-realta jirrizulta li l-ordni saret mill-attrici. Ghalhekk din is-somma ghandha titnaqqas mill-ammont li qieghed jintalab u b'hekk is-somma dovuta hi ta' **€11,813**. Fatt rikonoxxut mill-istess attrici (ara affidavit ta' Adrian Runza – paragrafu 9).

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet u tilqa' t-talba tal-attrici, limitatament ghas-somma li ser tinghad, u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' hdax-il elf tmien mija u tlettax-il ewro (€11,813), bl-imghax kif mitlub. Spejjez a karigu tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------